



Brussell, 5 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11815/24

Fajls Interistituzzjonali:
2024/0132(NLE)
2024/0133(NLE)
2024/0139(NLE)

PECHE 271

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	1. Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde - Adozzjoni 2. Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew 3. Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni (2024-2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde - Adozzjoni

1. Wara t-tlestija tan-negożjati f'April 2024, abbażi ta' mandat¹ maħruġ mill-Kunsill f'Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti² msemmija hawn fuq fis-6 ta' Ġunju 2024.
2. L-abbozzi ta' Deċiżjonijiet u Regolament huma bbażati fuq l-Artikolu 43 u l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

¹ Dokumenti 15480/23 u ST 16275/23

² Dokumenti 10687/24 + ADD1, 10688/24 + ADD 1, 10689/24

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposti fl-10 ta' Ġunju 2024. Żewġ delegazzjonijiet qajmu kwistjonijiet fir-rigward ta' ċerta dispożizzjoni fit-test tal-protokoll innifsu, filwaqt li delegazzjoni waħda indikat kwistjoni minuri oħra, ukoll fit-test tal-protokoll. DK ippreżentat riżerva ta' skrutinju parlamentari li minn dak iż-żmien 'l hawn tneħħiet.
4. Il-Presidenza ħejjiet testi ta' kompromess³ taż-żewġ deċiżjonijiet fejn il-bażi legali tagħhom ġiet modifikata sabiex tirreferi għall-Artikolu 43 TFUE kollu kemm hu, u ġiet introdotta bidla fil-formulazzjoni fir-rigward tal-iffirmar tal-protokoll u n-notifika tal-konklużjoni tiegħu fisem l-UE. Il-kompromessi tal-Presidenza, kif ukoll l-abbozz ta' Regolament, ġew approvati fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma b'konsultazzjoni bil-miktub li ntemmet fis-17 ta' Ġunju 2024. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ħabbar li l-Kummissjoni kienet ser tippreżenta dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill rigward il-bidla tal-bażi legali u l-iffirmar tal-protokoll. Meta l-kwistjonijiet relatati mat-test tal-protokoll ġew iċċarati mal-Kummissjoni, il-kompromessi tal-Presidenza dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni u l-protokoll⁴ innifsu ġew konsegwentement approvati fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma f'konsultazzjoni oħra bil-miktub li ntemmet fil-25 ta' Ġunju 2024.
5. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Lulju 2024⁵.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- jadotta d-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim u tal-protokoll, kif tinsab fid-dokument 11262/24;
 - jaqbel fil-prinċipju dwar id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehim u l-protokoll, kif tinsab fid-dokument 11267/24, u jiddeċiedi li jibgħatha, flimkien mat-test tal-protokoll fid-dokument 11026/24, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu;
 - jadotta r-regolament dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-protokoll, kif jinsab fid-dokument 11268/24;
 - jaqbel li jdaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fl-addendum għal din in-nota.

³ Dokumenti 11181/24 u 11182/24

⁴ Dokumenti ST 11182/24 u 10688/24 ADD 1

⁵ Dokument ST 12026/24

7. Id-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, it-test tal-protokoll u r-regolament dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd ser jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat skont l-Artikolu 218(10) TFUE, u d-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ser tintbagħat lill-PE.
